**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 12/K7/2015**

**Introduzzjoni**

It-Tnax-il laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2015 li saret nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon, il-Kunsillier Charles Cesare, l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata **(Ara Dok. 1)**.

Fuq talba tal-Kunsill kienet prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-21 ta' Ottubru 2015. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2015.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2015.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Konghunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Rapport Finanzjarju Krt. 3 (Lul sa Sett 2015)**
10. **Nomina għall-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2015.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K7/2015 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2015.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 11/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 020-2015** - Kwotazzjoni 02/2015 (Fridge Freezer) **(Ara Dok. 2)**
- **Internal Memo 021-2015** - Laqgħa dwar infiltrazzjoni t'ilma fil-basements A5-A11 **(Ara Dok. 3)**
- **Internal Memo 022-2015** - Lista ta' laqghat li saru 11/K7/14 u 12/K7/15 **(Ara Dok. 4)**

3.02. B'referenza ghall-Internal Memo 20/2015 – Kwotazzjoni ghall-Fridge Freezer, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghzel l-irhas offerta jigifieri dik ta' Ventura ghall-prezz ta' €495.00.

3.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 167 | 2015 | 06/10/2015 | J & K Contractors | Tlabna sabiex jigi rrangat hajt mad-dawra tar-roundabout fi Triq Normandy, titbaxxa l-bankina quddiem 21 fi Triq Dun A Sisner u jigi rrangat hajt li hemm hdejn il-Park & Ride. |
| 168 | 2015 | 13/10/2015 | Koptasin | Tlabna sabiex isiru diversi linji tat-traffiku f'diversi toroq f'Pembroke. |
| 169 | 2015 | 21/10/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza li hemm fi Triq ANZAC u li tigi f'nofs l-Australia Hall. |
| 170 | 2015 | 22/10/2015 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jirranga directional signs madwar roundabout ta' Triq il-Mediterran, jwahhal 3 tabelli fi Pjazza N. Falzon li l-karozzi jridu jipparkjaw bis-silencer il-barra mill-bankina, titwahhal tabella li tindika Dead End fil-bidu ta' Triq ir-Regimenti Maltin, u isiru 4 tabelli li jindikaw li ma jistax isir camping, bbq. |
| 171 | 2015 | 26/10/2015 | GO plc | Tlabna sabiex ghal sena ohra jerga' jgedded is-servizz tal-Web Hosting. |
| 172 | 2015 | 26/10/2015 | Ventura | Tlabna sabiex jissupplixxu fridge freezer skond il-kwotazzjoni taghhom. |
| 173 | 2015 | 27/10/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza bin-numru W123 li tinsab ma' Blokk 1 Triq San Patrizju fil-kantuniera. |

3.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.08. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilmenti li rcieva l-Kunsill.

| Nru | Ilment |
|---|---|
| 76 | Talba biex Triq Tobuk issir No Access to heavy vechiles u l'issir bankina quddiem Blk 8 u Blk 9 li tibqa' sejra sal-main road. |
| 78 | Talba sabiex issir bozza mal-hajt tal-bitha (fuq wara ta' Blokk 10) minhabba li hemm dlam cappa u minhabba li gew misruqa ricentament. |
| 79 | Talba sabiex issir tabella sabiex il-karozzi jipparkjaw bis-silencer il-barra fil-bicca fejn id-djar fi Pjazza Nazju Falzon. |

3.09. B'referenza ghall-ilment 76/2015, il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilita' li d-dahla ghall-Park & Ride fi Triq Tobruk jitbaxxa biex jitnehha l-hajt li hemm int u diehel mid-direzzjoni ta' Triq Sant' Andrija u sabiex tigi esplorata l-possibilita' li quddiem Blokk 8 u Blokk 9 issir bankina li tibqa' sejra sa Triq Sant'Andrija nkluz li f'din il-parti tat-triq, ikun hemm restrizzjonijiet li ma jkunx hemm access ghall-vetturi kbar.

3.10. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12. Dwar ilmenti 78 u 79, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill japplika ghal-lampa wara Blokk 10 Triq il-Battalja ta' Malta u li jigu ordnata t-tabelli fi Pjazza Nazju Falzon.

3.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 9 jigi diskuss qabel item 4.

3.16. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju Krt. 3 (Lul sa Sett 2015).

9.01 Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghar-rapport finanzjarju Krt. 3 perjodu Lulju sa Settembru 2015. **(Ara Dok. 5)** Il-kelliem talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante taghti l-ispjega taghha lill-membri tal-Kunsill.

9.02 Wara l-ispjega ta' l-accountant, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif pprezentat.

9.03 Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant u ntalbet tirtira mil-laqgha.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

4.02. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Vici Sindku Raymond Lanzon rapport dwar il-laqgha plenarja ta' l-AKL.

4.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon informa lill-Kunsill li ghalkemm kien ibbukjat, huwa ma kienx attenda.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-30 ta' Settembru u t-3 ta' Novembru 2015 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3869/15/I** 05/10/2015 — Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ta' €41.30 ghall-manutenzjoni fuq l-arbli tal-Gnien 4 ta' Lulju.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3869/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-istima ghal 3 arbli fejn hemm globi maqlugha u jekk jirrizulta li dawn jigu ahjar, il-Kunsill jikkunsidra li jaghmel il-kumplament.

6.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3894/15/I** 07/10/2015 — Email minghand il-GreenPak fejn staqsew lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jibdew jingabru l-hwejjeg minghand ir-residenti fil-Kunsilli sabiex jigu esportati u l-flus li jingabru jinghataw lil Nature Trust.

**46/4044/15/I** 19/10/2015 — Email minghand GreenPak fejn talbet ninfurmawha bid-dati meta ser naghmlu l-gabra tal-hwejjeg.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3894/15/I u 46/4044/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din il-gabra ghandha ssir f'Dicembru qabel il-Milied.

6.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3953/15/I** 12/10/2015 — Email minghand is-Sindku Dean Hili, u ohra minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn talbu biex fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss tkun diskussa il-proposta li Triq Patri A. Tonna Barthet issir one way minhabba lmenti li rcievew.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3953/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaggorna ruhu u ssir laqgha appozita sabiex jigi diskuss dan is-suggett u tigi kkonsidrata wkoll il-possibilita` li l-laqgha tkun wahda miftuha ghall-pubbliku. Il-kelliem ippropona li ghandhom jigu kkonsultata r-residenti kollha tat-toroq li hemm minn Triq F.X. Caruana sa Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

6.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3973/15/O** 13/10/2015 — Email lill-membri tal-Kunsill fejn tlabna l-kummenti taghhom b'referenza ghar-rapport mibghut minn Nature Trust dwar l-gheluq u l-access ikkontrollat ta' partijiet mis-sit ta' Natura2000.

**46/4032/15/I** 19/10/2015 — Email minghand l-MTA fejn baghtet kopja tar-rapport ippreparat mis-Sur Vince Attard ta' Nature Trust ghall-pjan sabiex jigi kontrollat l-access tax-xaghri ta' Pembroke u talbet il-kummenti tal-membri tal-bord sabiex ikun jista' jintbaghat il-MEPA.

**46/4045/15/I** 19/10/2015 — Email minghand l-MTA fejn baghtet kopja ta' draft action plan ghal Pembroke Heritage Project.

6.11. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3973/15/O, 46/4032/15/I u 46/4045/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova l-proposti li saru dwar l-immanigjar tas-sit Natura2000.

6.12. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3982/15/I** 14/10/2015 — Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn b'referenza ghal-lampi godda fi Triq Ignazio Gavino Bonavita nformaw lill-Kunsill li l-lampi huma approvata li jitwahhlu fuq in-naha ta' fejn hemm il-linji tal-Enemalta u skuzaw ruhhom ta' l-inkonvenjent.

**46/4104/15/I** 26/10/2015 — Email minghand il-Familja Dimech fejn informaw lill-Kunsill li ma jaccettawx li tehel il-lampa ta' Triq mal-faccata tad-dar taghhom numru 5 fi Triq Ignazio Gavino Bonavita'.

6.14. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3982/15/I u 46/4104/15/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li jidher li r-residenti li mal-faccati taghhom gew approvati l-lampi mill-Enemalta qed joggezzjonaw ghall-installazzjoni tal-istess lampi. Ghalhekk ippropona li tintbaghat ittra lir-residenti tat-triq kollha sabiex b'hekk kulhadd ikun infurmat.

6.15. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3987/15/I** 14/10/2015 — Email minghand Bonnici Bros. Ltd. fejn baghat survey li ghamel dwar linear cracking f'diversi toroq f'Pembroke li jammontaw ghal €2,836.13.

6.17. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3987/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha tinhareg work order sa massimu ta' direct order.

6.18. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4023/15/I** 19/10/2015 — Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma' jinhatru l-Presidenti tal-Kunsilli Skolastici.

6.20. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4023/15/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dan is-suggett ser jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**46/4047/15/I** 19/10/2015 — Kwotazzjoni minghand Green Skip Services Ltd. ghal-liners tal-bins ghall-prezz ta' €45.90 + VAT u l-locks €8.90 + VAT.

6.21. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4047/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Ministeru tax-Xoghlijiet dwar il-possibilita' li jipprovdilna dawn il-liners jew li jinfurmawna kemm jigu jiswew lill-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li b'kollox hemm bzonn 10 bin liners biex jitpoggew Triq Falaise X2, Triq Alamein X3, Triq il-Mediterran X3 u 2 jinzammu fl-istores ghal dak li jista' jinqala'.

6.22. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4050/15/I** 19/10/2015 | Kwotazzjoni minghand is-sur Clinton Debono ta' €1,000 biex isir tizjin tal-Milied tul Triq Alamein. |
| **46/4066/15/O** 20/10/2015 | Email mibghuta lill-iskola St. Michael, Sprachcaffe u Middlesex University fejn infurmajnihom li hija x-xewqa tal-Kunsill li Triq Alamein issir bi dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied u tlabna biex l-ispiza ta' €1,000 tinqasam bejn il-Kunsill u l-iskejjel. |
| **46/4069/15/I** 21/10/2015 | Email minghand Middlesex University fejn informaw lill-Kunsill li huma lesti jikkontribwixxi is-somma ta' €250 sabex isir dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied sakemm ikun hemm qbil bejn l-entitajiet koncernata. |
| **46/4132/15/I** 27/10/2015 | Email minghand Sprachcaffe fejn infurmaw lill-Kunsill li huma lesti jikkontribwixxu s-somma ta' €250 sabiex isir id-dawl tal-Milied fi Triq Alamein. |
| **46/4152/15/I** 28/10/2015 | Email minghand l-iskola St. Michael fejn ikkonfermaw li jaqblu li jaghtu €250 sabiex isir id-dawl tal-Milied fi Triq Alamein. |

6.24. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4050/15/I, 46/4066/15/O, 46/4069/15/I, 46/4132/15/I u 46/4152/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dan is-servizz jigi mizjud mat-tender tas-sur Debono, bil-hlas isir mill-entitajiet kif maqbul. Il-kelliem ippropona wkoll li fejn hemm bzonn ghandhom isiru l-hofor necessarja biex jintuzaw minn sena ghall-ohra.

6.25. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4090/15/I** 22/10/2015 | Email minghand Pembroke Athleta FN fejn staqsew jekk il-Kunsill hux ser jorganizza l-Annual Football Festival fejn qed jissuggerixxu li dan isir bejn is-6 u 9 ta' Frar 2016. |

6.27. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4090/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha ssir laqgha mal-Pembroke Athleta FN sabiex tigi diskussa din il-materja bil-hsieb li l-Kunsill mill-gdid jiffinanzja t-tornament imsemmi.

6.28. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4100/15/I** 26/10/2015 | Email minghand l-HSBC fejn infurmaw lill-Kunsill li jixtiequ jaghmlu xoghol volontarju fil-lokal billi jnaddfu xi area u jithawwlu xi sigar. Importanti li l-attivita' ma taqbizx l-ammont ta' €100. |

6.30. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4100/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jissuggerixxi li l-attivita' u thawwil ta' sigar ghandha ssir fi Triq Burma fejn saret il-bankina l-gdida.

6.31. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4121/15/I** 26/10/2015 | Email minghand l-STC fejn baghtu ritratt ta' fejn qed jissuggerixxi li jsir id-dawl minhabba li hemm dlam cappa. |

6.33. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4121/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona l-Kunsill jipprocessa t-talba odjerna jekk il-post indikat jirrizulta li huwa pubbliku. Dan minhabba l-fatt li minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jirrizulta li s-sit inghata lill-Malta Judo Federation mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lura fil-bidu tas-sena 2013.

6.34. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4145/15/I**<br>**28/10/2015** | Email minghand is-Sur Aaron Stivala fejn talab laqgha mal-Kunsill bil-possibilita' li tennis court ta' Triq Falaise jinbidel fi Sports Beach Court. |

6.36. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4145/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din il-laqgha ghandha ssir fil-jiem li gejjien bil-kundizzjoni li l-access ghandu dejjem jibqa' liberu ghall-pubbliku.

6.37. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill jesplora l-possibilita' li fi Gnien Jum Pembroke u Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta jigi nstallat open air gym equipment.

6.40. Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li tali progett jista' jigi ffinanzjat minn fondi ERDF li ghandhom johorgu fil-gimghat li gejja.

6.41. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsillier Mark Causon biex jinforma lill-Kunsill meta jkunu disponibbli tali fondi.

| | |
|---|---|
| **46/4150/15/I**<br>**28/10/2015** | Email minghand l-MFA fejn baghtu stedina lill-Kunsill biex jghaqqad grupp ta' 20 persuna jew aktar sabiex imorru tour gewwa Stadium Nazzjonali ghall-prezz ta' €3 kull persuna. |

6.42. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4150/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jikkonsidra li din issir fi zmien il-vaganzi tal-Milied tat-tfal fejn ser tkun miftuha ghal kulhadd u li jekk ikun hemm tfal dawn iridu jkunu akkumpanjata minn adulti.

6.43. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4157/15/I**<br>**29/10/2015** | Email minghand is-Sur Joseph Galea fejn talab kumpens ta' €86.99 ghall-hsara li saret fi tyre tal-karozza fi Trejqet ir-Regimenti Maltin. |

6.45. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4157/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jaccettax it-talba msemmija peress illi l-memo li a bazi taghha qieghda ssir it-talba titkellem dwar hsarat fl-istruttura ta' toroq. Il-kelliem irrimarka li jidher illi l-hsara f'dan il-kaz giet ikkawzata meta s-sur Galea a dirittura tela` bil-vettura tieghu fuq il-bankina, manuvra li hija pprojbita u ghalhekk it-talba tieghu konsegwentament ma tistax tigi milqugha.

6.46. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4159/15/I**<br>**29/10/2015** | Email minghand l-AKL fejn infurmaw lill-Kunsill bil-laqgha ghas-Sindki u l-Vici Sindki li ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Novembru 2015 gewwa l-Palazz Verdala, il-Gonna tal-Buskett. Hlas ta' €40. |

6.48. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4159/15/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li huwa u l-Vici Sindku ser jattendu.

**46/4004/15/I**
**15/10/2015**
Stima minghand Mompalao Trading Ltd. ghall-provvista ta' plastik pouches u cards biex jintuzaw ghall-iskema tar-residential parking ghall-prezz ta' €3.00 il-wahda eskluz il-VAT u l-minimu huwa ta' 200 items.

6.49. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4004/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jigu ordnata 200 item u li min jitlef il-permess ghandu jigi mitlub il-hlas tieghu biex jinhareg iehor gdid. Il-kelliem ippropona li ghandha tkun policy tal-Kunsill li l-permessi ghandhom ikun ghall-perjodu ta' sentejn kull darba.

6.50. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01 Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li ghal zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza l-attivita' ghat-tfal fejn il-Father Christmas iwassal ir-rigali lit-tfal u l-attivita' l'issir ghall-membri tal-Kunsill u l-impjegati.

8.02 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Nomina ghall-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh.

10.01 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi fl-4 ta' Dicembru 2015 jaghlaq 18-il sena u ghalhekk hemm bzonn li tinstab persuna ohra biex tokkupa din il-kariga wara din id-data. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill johrog avviz biex jintlaqghu l-applikazzjonijiet ghal min huwa nteressat.

10.02 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 6, 7, 8 u 9)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Dwar il-kontijiet tal-utilitajiet, jigifieri Lands, Arms, GO u Vodafone, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li ghandha tkun policy tal-Kunsill li dawn ghandhom jithalsu mill-ewwel meta jaslu biex jigi evitat li jkun hemm late payment charges.

11.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li (1) Tender 02/2014 for Professional Services of an Architect & Civil Engineer, (2) Tender 04/2014 for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements in an Enviromental Friendly Manner, (3) Tender 05/2014 for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads, (4) Servizz ta' Librara u (5) Tender 06/2014 for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs, ser jiskadu fil-31 ta' Dicembru 2015 u (6) Tender 11/2013 for Upkeep & Maintenance of Road Markings, ser jiskadi fil-31 ta' Jannar 2016, li jistghu jiggeddu ghall-perjodu ta' sena ohra. Il-kelliem ippropona li dawn it-tenders ghandhom jigu mgedda ghall-perjodu ta' sena ohra.

12.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha issir bankina fi Triq Patri Serafin Zarb quddiem Blokk 7 u ddur lejn Sprachcaffe, issir manutenzjoni tal-passagg li hemm li jaghti mill-ex Parade Ground lejn Triq Alamein billi fuq il-konkos li hemm isir madum li ma jizloqx u kurduni fuq iz-zewg nahat minhabba l-hamrija, u li jinbidel ir-retaining wall tul Triq Alamein faccata ta' Sprachcaffe u Middlesex University biex il-hamrija ma taqax fi Triq Alamein meta taghmel ix-xita. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandu jinbidel ukoll il-hajt tul Triq Giorgio Mitrovich li hemm mal-planter fejn hemm l-oleander minn wara l-Knisja sa kantuniera ma' Triq F.X. Caruana. Il-kelliem irrimarka li dan ix-xoghol ghandu jinkludi wkoll it-tnehhija tal-fence li hemm.

12.05. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jinzera' hedge gdid tul il-bankina l-gdida fi Triq Burma fejn ghandha ssir talba lill-Ministru Leo Brincat biex il-PARKS jipprovdi dan ix-xitel kif ukoll provvista ta' 20 sigra taz-znuber u jekk ma jkunx hemm rispons pozittiv isiru l-arrangamenti mal-kuntrattur tal-Kunsill.

12.08. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li ghamel spezzjoni ma' rapprezentanti tal-PARKS dwar thawwil ta' sigar fi Triq Pietru D'Armenia u wara l-ground ta' Pembroke Athleta.

12.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva laptop minghand il-kumpanija TCTC abbazi tal-ftehim li kien intlahaq dwar l-uzu tas-sala tal-Kunsill ghall-korsijiet ta' l-ETC.

12.12. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dan il-laptop ser ikun qed jintuza mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghax-xoghol relatat mal-Kunsill.

12.13. B'referenza għall-korrispondenza tad-DGL **(46/4222/15/I)** dwar akkumular ta' vacation leave għas-sena li ġejja vis-a-vis is-Segretarji Eżekuttivi, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-bilanċ ta' vacation leave tas-Segretarju Eżekuttiv li ma jkunx ittieħed sal-aħħar tas-sena 2015, u li ma jkunx aktar mill-massimu permess mid-DGL, għandu jiġi mġedded għas-sena li ġejja 2016.

12.14. Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fit-8:00pm wara li ntlaħaq ftehim li l-laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Pembroke Local Council at DLG**

**From:** Evelyn Vella Brincat <evelynvellabrincat@gmail.com>
**Sent:** 10 November 2015 16:50
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Local Council Meeting

Dok 1

Dear Kevin,

Please excuse me from the Local council meeting of the 3rd November as I had to go to the Oncology Hospital for treatment in the afternoon.

When the treatment finished, I was not well enough after to attend the meeting.

Thank you

Evelyn

Kunsill Lokali
Pembroke
10 NOV 2015
46/43 7 5/15/1

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 020/2015** **22 ta' Ottubru 2015**

# Kwotazzjoni 02/2015

Il-kwotazzjonijiet inġabru permezz ta' emails mingħand diversi kumpaniji għall-provvista ta' fridge freezer wara li dik li għandu l-Kunsill jirriżulta li ma tistax tiġi rranġata.

| Isem il-kumpanija | Mudell | Prezz |
|---|---|---|
| Ventura<br>B21 , Bulebel Industrial Estate , Bulebel | Blomberg KNM1551C A+ (2yrs P&L) | €495.00 |
| Triple A<br>St. Thomas Street<br>Luqa. | Beko CBI 7702 A+ (5yrs P&L)<br>Beko CBI 7771 A+ (2yrs P&L)<br>Beko CBI 7771 A+ (5yrsP&L)<br>Balay 3KIB4860 A+ (7yrsP&L) | €609.00<br>€539.00<br>€659.00<br>€839.00 |
| Vitel<br>Vjal ir-Rihan<br>San Gwann | Bosch KIV34V21GB A+ (5yrs P&L)<br>Whirlpool ART6500 A+ (2yrs P&L) | €635.00<br>€550.00 |
| Crosscraft | Whirlpool WHART367 A+ (2yrs P&L)<br>Whirlpool WHART6500 A+ (2yrs P&L) | €529.01<br>€579.00 |
| Oxford House Ltd.<br>Notabile Road<br>Mriehel, BKR3000. | Bosch DOMKIV34V21GB A+ (5yrs P&L) | €675.00 |
| Flamingo<br>Mirage Holdings Ltd,<br>Cannon Road,<br>Qormi | Indesit INCB31AA A+ (2yrs P&L) | €591.01 |
| Centro Casalinga<br>JJScerri Co Ltd<br>Rainbow str,<br>Msida | Techwood BGN3200 (2yrs P&L)<br>Gorenje RI4256 (3yrs P&L)<br>Gorenje RI4266 (3yrs P&L) | €499.00<br>€650.00<br>€650.00 |
| Frank Borda Ltd<br>Testaferra Street,<br>Ta' Xbiex | Ignis ARL 6501 A+ (2yrs P&L)<br>(by telephone) | €599.00 |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 021/2015** **26 ta' Ottubru 2015**

## Laqgħa dwar infiltrazzjoni t'ilma fil-garaxxijiet A5-A11

Il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015 fid-9.00am, fuq il-post f'Sit A. Preżenti għall-Kunsill kien hemm l-iskrivana Alison Grixti (peress li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien indispost), minnaħa ta' l-Awtorita' tad-Djar is-Sur Emile Lauria, il-Perit Marvin Ellul (79490514) u r-residenti Jennifer Brincat (99251487) u Sharon Browrigg.

Is-Sur Lauria nforma lill-Kunsill li se jgħaddi kopja tal-pjanta tal-garaxxijiet li hemm vojta f'Sit A flimkien maċ-ċwievet, il-files u l-ilmenti kollha li għandhom sabiex il-Perit jispezzjoni s-sit u jħejji rapport tal-ħsara.

Il-Perit għandu jmur fuq il-post kif ikun il-maltemp sabiex jara fejn iżomm l-ilma u jipprova jiskopri minn fejn qed jidħol l-ilma fil-garaxxijiet.

Minn spezzjoni li saret fil-garaxx tas-sinjura Brincat urit lill-persuni preżenti fejn jidħol l-ilma u jirriżulta li mill-garaxx ta' ħdejhom l-ewwel wieħed nieżel xi ilma fejn fil-fatt jinstema' nieżel u x'aktarx li huwa dranaġġ.

Is-sinjura Brincat spjegat u urit fejn iżomm l-ilma u dħalna fil-kamra fejn hemm il-lifts u l-meter room fejn waqa' biċċa mis-saqaf u jinsab fuq ix-xibka.

Il-Perit Marvin Ellul rrimarka li mill-panters li hemm fuq barra tal-blokok hemm il-membrane maqlugħ minn mal-ġebla u anke hemm xquq ma' l-art.

Inżilna ukoll fil-garaxx tas-Sinjura Sharon Brownrigg fejn urit il-problema t'ilma li għandha fil-garaxx tagħha u rrimarkat jekk jistax isir xi ħaġa minħabba d-dlam li hemm fil-basements.

Il-laqgħa ntemmet fl-10.30am.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 22/2015** **03 ta' Novembru 2015**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 11/K7/15 u 12/K7/15

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 29/09/2015 | Laqgha tal-Kunsill 11/K7/2015. | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 30/09/2015 | Qorti - Sentenza mario mallia vs Kunsill Lokali Pembroke | Qorti | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 06/10/2015 | Konferenza CENSE organizzata mill-AKL | Imperial Hotel Sliema | Kevin Borg |
| 06/10/2015 | IKIDS Certificate Presentation Event | Cottoners Sports Complex | Dean Hili |
| 08/10/2015 | Laqgh ma' Clinton Debono - Tender christmas lights | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 12/10/2015 | Laqgha dwar ix-xoghlijiet li qed isiru fuq il-wiedta' Pembroke | Fuq il-post | Kevin Borg |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13/10/2015 | Laqgha ma' Andrew Haig dwar ir-rotot godda | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 13/10/2015 | Laqgha mal-Perit Sarah Pace minn Transport Malta (removal of blocks and reopeing of road) | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 15/10/2015 | Laqgha mal-Perit tal-Kunsill dwar xoghol pendenti | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 15/10/2015 | Laqgha mal-Perit tal-Kunsill dwar il-CM Fee | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 15/10/2015 | Laqgha ma' The Grid rigward permessi ghall-attivita | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 19/10/2015 | Introduction to Tertu & Marcegaglia Guardrails | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 22/10/2015 | Laqgha ma' l-iskola ta' St Michael School | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 22/10/2015 | Laqgha ma' l-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 22/10/2015 | Laqgha bejn il-Kunsill, il-Perit u l-Avukat dwar ic-CM fee | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 26/10/2015 | Iinfiltrazzjoni t'ilma fil-basements ta' Blokki 5 – 11, Triq Pietru Darmenia, Pembroke | Fuq il-post | Alison Grixti |
| 26/10/2015 | Kontinwazzjoni ghall-laqgha li kienet saret dwar is-sigurta ta' Paceville u 'l madwar | Board Room Ministeru għall-Intern | Dean Hili |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Nazzjonali. | |
| 31/10/2015 | Clean up - NTM Clean up at Pembroke - | Fejn Pembroke Athleta | Dean Hili<br>Evelyn Vella Brincat |
| 02/11/2015 | Invit ghas-Sindku mill-Iskola Sekondarja ta' Pembroke flimkien mad-Dipartiment tal-Malti ghat-tnedija tal-Ktieb Djamantini | Palazz Verdala | Dean Hili |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Dok 5

# Kunsill Lokali Pembroke

## Ir-Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Tliet Xhur)

## NRU. 3 : Lulju sa Settembru 2015

## Sena Finanzjarja 2015

## 2.1 Il-Varjazzjonijiet Konsolidati mill-Estimi tad-Dħul u l-Infiq

| ACCT NO | DESCRIPTION | Quarter 3 2015 ACTUAL Eur | Quarter 3 2015 COMMITTED Eur | Quarter 3 2015 TOTAL Eur | Quarter 3 2015 BUDGET Eur | YEAR TO DATE 2015 ACTUAL Eur | YEAR TO DATE 2015 COMMITTED Eur | YEAR TO DATE 2015 TOTAL Eur | YEAR TO DATE 2015 BUDGET Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | | | | |
| 0000 | Government | 183,195.00 | (91,597.00) | 91,598.00 | 91,722.50 | 375,787.00 | (91,597.00) | 284,190.00 | 366,890.00 |
| 0020 | Bye-laws | 5,888.00 | 0.00 | 5,888.00 | 1,100.00 | 9,127.00 | 2,947.00 | 12,074.00 | 4,400.00 |
| 0090 | Investment | 78.00 | 0.00 | 78.00 | 90.00 | 257.00 | 0.00 | 257.00 | 360.00 |
| 0100 | General | 1,879.00 | 0.00 | 1,879.00 | 0.00 | 3,472.00 | 0.00 | 3,472.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **191,040.00** | **(91,597.00)** | **99,443.00** | **92,912.50** | **388,643.00** | **(88,650.00)** | **299,993.00** | **371,650.00** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 18,989.00 | 2,795.00 | 21,784.00 | 21,750.00 | 59,857.00 | 5,185.00 | 65,042.00 | 87,000.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 62,866.00 | (15,304.00) | 47,562.00 | 70,827.49 | 147,357.00 | 28,968.00 | 176,325.00 | 283,309.95 |
| 7000 | Capital expenditure | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 44,605.00 | 0.00 | 44,605.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **81,855.00** | **(12,509.00)** | **69,346.00** | **92,577.49** | **251,819.00** | **34,153.00** | **285,972.00** | **370,309.95** |
| | **Balance** | **109,185.00** | **(79,088.00)** | **30,097.00** | **335.01** | **136,824.00** | **(122,803.00)** | **14,021.00** | **1,340.05** |
| | Opening Cash and Bank Balances | | | 282,555.00 | | | | 307,503.00 | |
| Add | Grant Received | | | 0.00 | | | | 0.00 | |
| Less | Grant Absorbed | | | 0.00 | | | | 0.00 | |
| Add | Movement in Current Deferred Grant | | | 0.00 | | | | 41,128.00 | |
| | Long Term Liability re Council Premises | | | 0.00 | | | | 0.00 | |
| | Future Commitments | | | 0.00 | | | | (50,000.00) | |
| Add: | Balance (Surplus/(Deficit) | | | 30,097.00 | | | | 14,021.00 | |
| | Available Funds | | | 312,652.00 | | | | 312,652.00 | |
| | Allocation during Current Year | | | 366,390.00 | | | | 366,390.00 | |
| | % Financial Situation Indicator | | | 85.33% | | | | 85.33% | |

Notes:

1. The amounts entered in the actual column will be the figures extracted from the Sage Reports
2. The amounts entered in the committed column will be those amounts not yet entered into Sage as Creditors or Accruals in the case of expenditure and any accrued income or amounts due still outstanding.
3. Future Commitments will include any tenders which have been awarded which have not yet commenced or which are partly completed. The amount committed to the project are as follows:

| | Euro |
|---|---|
| Pavements - Triq Burma | 50,000 |
| | 50,000 |

4. Contingent Liabilities

| | Euro |
|---|---|
| Mario Mallia including expenses | 2,438 |
| Alternative Technologies legal expenses | 1,100 |
| | 3,538 |

Declaration:

The Mayor and the Executive Secretary declare that the above statements show a true and fair view of the Council's position on the signing date and that all commitments have been included in these financial statements.

Mayor
Dr. Dean Hili LLD

Executive Secretary
Kevin Borg

23/10/15
Date

## 2.2 Il-Varjazzjonijiet mill-Estmi tad-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c=(a+b) | d | e | f | g=(e+f) | h |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Quarter 3 2015 | | | | YEAR TO DATE 2015 | | | |
| ACCT NO | DESCRIPTION | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur | ACTUAL Eur | COMMITTED Eur | TOTAL Eur | BUDGET Eur |
| 2 | **Income** | | | | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | | | | |
| 0001 | Annual | 183,195.00 | (91,597.00) | 91,598.00 | 91,597.50 | 366,389.00 | (91,597.00) | 274,792.00 | 366,390.00 |
| 0002 | Supplementary | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 9,398.00 | | 9,398.00 | |
| 0003 | Special needs | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Public/government delegations | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | | 0.00 | |
| 0005 | Other | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 125.00 | 0.00 | | 0.00 | 500.00 |
| | | **183,195.00** | **(91,597.00)** | **91,598.00** | **91,722.50** | **375,787.00** | **(91,597.00)** | **284,190.00** | **366,890.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | | | | |
